Kopja Informali ta' Sentenza

MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**SILVIO MELI**

Seduta ta' l-20 ta' Marzu, 2010

Numru. 280/2010

**Il-Pulizija**
**(Spettur Anna Marie Micallef)**

**vs**

**Kevin Caruana**

**Illum 20 ta' Marzu tas-sena 2010.**

**Il-Qorti;**

Rat l-imputazzjonijet dedotti kontra l-imputat Kevin Caruana ta' tnejn u tletin (32) sena, iben Anthony u Rita nee` Sammut, imwieled il-Pieta` nhar l-14 ta' Gunju tas-

sena 1977 u residenti gewwa l-fond Numru 81, Triq Misrah il-Barrieri, Msida u li huwa detentur tal-karta ta’ l-identita` bin-numru 321777(M);

Talli nhar it-19 ta’ Marzu tas-sena 2010 ghall-habta tal-hamsa ta’ wara nofsinhar (17:00hrs), f’dawn il-Gzejjer u cioe` gewwa l-Ghassa tal-Pulizija ta’ l-Imsida:

1. Attakka jew ghamel resistenza bi vjolenza jew b’hebb ta’ xorta li ma titqies vjolenza pubblika kontra persuna inkarigata skond il-ligi minn servizz pubbliku filwaqt li tkun tagixxi ghall-esekuzzjoni tal-ligi jew ta’ ordni moghti skond il-ligi mill-awtorita` kompetenti u cioe` fuq il-persuna ta’ PC315 Shawn Galea;

2. U aktar talli fl-istess data, lok, hin, u cirkostanzi ngurja jew hedded jew ghamel offiza fuq il-persuna nkarigat skond il-ligi minn servizz pubbliku li kien qed jaghmel jew minhabba li kien ghamel dan is-servizz jew bil-hsieb li jbezzghu jew jinfluwixxi fuqu kontra l-ligi fl-esekuzzjoni ta’ dan is-servizz u cioe` fuq il-persuna ta’ PC 315 Shawn Galea;

3. U aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, ikkaguna griehi hfief fuq l-istess persuna ta’ PC315 Shawn Galea u dan skond kif iccertifika Dr. Pierre Farrugia M.D. ta’ l-Isptar Mater Dei;

4. U aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor mobbli jew imobbli, u cioe` fuq wicc tal-bank ta’ l-Ghassa ta’ l-Imsida liema hsara ma tiskorrix l-elf mija u erbgha u sittin Ewro u disgha u sittin centezmu (€1,164.69), imma hija izjed minn mija u sittax-il Ewro u sebgha u erbghin centezmu (€116.47);

5. U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, m’obdiex l-ordnijiet legittimi moghtija lilu minn PC315 Shawn Galea;

6. U aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, volontarjament kiser il-bon ordni u l-paci pubblika b'ghajjat u glied;

7. U aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, ghad illi kien xurban, qal fil-pubbliu kliem oxxen jew indecenti;

8. U aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, kien jinsab f'sakra b'mod li ma kienx jista' jiehu hsieb tieghu nnifsu;

Semghet l-ammissjoni ta' l-imputat;

Rat id-dokumenti esebiti;

Issibu hati;

Wara li tat l-opportunita` lill-imputat biex jirrikonsidra d-dikjarazzjoni ta' htija, l-istess imputat ghazel li jikkonferma din id-dikjarazzjoni;

Rat l-artikli 95 (1), 96 (a), 221 (1), 325 (1) (b), 338 (ee), 338 (dd), 338 (bb), 342, 338 (ff) u 17 (b) tal-Kap 9, u tikkundanna lill-imputat ghall-piena ta' sena prigunerija;

Wara li qieset ic-cirkostanzi kollha tal-kaz inkluz il-fatt li l-mahfra mitluba mill-imputat intlaqghet mill-kuntistabbli nvolut u l-fatt li obbliga ruhu li jirrikorri ghall-kura necessarja bil-ghan li jissupera l-problema tal-abbuz mill-alkohol li jbaghti biha;

Rat l-artiklu 28 A tal-Kap 9 u tordna li l-piena ta' prigunerija inflitta aktar qabel tkun sospiza ghall-perjodu ta' sentejn (2) millum;

Tiddikjara wkoll li fehemet lill-imputat bil-konsegwenzi tal-istess ordni ta' sospensjoni.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------